

bħal dik fil-kawża prinċipali, meta jinħarġu azzjonijiet ġodda f'servizz ta' tpaċija ta' tranżazzjonijiet.

(¹) ĠU C 64, 08.03.2008

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-1 ta' Ottubru 2009 (talba għal deċiżjoni preliminari mit-Tribunal du travail de Nivelles — Il-Belġju) — Ketty Leyman vs Institut national d'assurance maladie-invalidité (INAMI)

(Kawża C-3/08) (¹)

(Talba għal deċiżjoni preliminari — Skemi ta' sigurtà soċjali — Benefiċċji ta' invalidità — Regolament (KEE) Nru 1408/71 — Artikolu 40(3) — Skemi differenti ta' benefiċċji fl-Istati Membri — Żvantaġġi għall-ħaddiema migranti — Kontribuzzjonijiet mingħajr ebda ritorn)

(2009/C 282/11)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal du travail de Nivelles

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Ketty Leyman

Konvenut: Institut national d'assurance maladie-invalidité (INAMI)

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunal du travail de Nivelles (Il-Belġju) — Validità, fid-dawl tal-Artikolu 18 KE tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-Sigurtà Soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fil-Komunità (ĠU L 149, p. 2), kif emendat — Benefiċċji ta' invalidità — Ostaklu għall-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment liberu, li jirriżulta mill-eżistenza ta' skemi differenti ta' benefiċċji

Dispożittiv

L-Artikolu 39 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru milli japplikaw leġiżlazzjoni nazzjonali li, skont l-Artikolu 40(3)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-Sigurtà Soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fil-Komunità, fil-verżjoni tiegħu kif emendata u aġġornata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 647/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' April 2005, tissuġġetta l-akkwist tad-dritt għall-benefiċċji ta' invalidità għall-iskadenza ta' perijodu ta' inkapaċità primarja ta' sena meta tali applikazzjoni jkollha l-konsegwenza li ħaddiem migrant ikun ħallas lill-iskema tas-sigurtà soċjali ta' dan l-

Istat Membru kontribuzzjonijiet mingħajr ebda ritorn u jkun għalhekk żvantaġġat meta mqabbel ma' ħaddiem li mhux migrant.

(¹) ĠU C 79, 29.03.2008

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-6 ta' Ottubru 2009 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de Primera Instancia Nru 4 ta' Bilbao — Spanja) — Asturcom Telecomunicaciones SL vs Cristina Rodríguez Nogueira

(Kawża C-40/08) (¹)

(Direttiva 93/13/KEE — Kuntratti konklużi mal-konsumaturi — Klawżola ta' arbitraġġ inġusta — Nullità — Deċiżjoni ta' arbitraġġ li tkun saret res judicata — Eżekuzzjoni forzata — Ġurisdiżjoni tal-qorti nazzjonali ta' eżekuzzjoni li tqajjem ex officio n-nullità tal-klawżola ta' arbitraġġ inġusta — Prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività)

(2009/C 282/12)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado de Primera Instancia Nru 4 ta' Bilbao

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Asturcom Telecomunicaciones SL

Konvenuta: Cristina Rodríguez Nogueira

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Juzgado de Primera Instancia Nru 4 ta' Bilbao — Interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU L 95, p. 29) — Mezzi adegwati u effettivi sabiex ma jibqgħux jintużaw klawżoli inġusti — Talba għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ finali mogħtija in absentia abbażi ta' klawżola ta' arbitraġġ inġusta

Dispożittiv

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, għandha tiġi interpretata fis-sens li qorti nazzjonali li tintalab tiegħu konjizzjoni ta' rikors għall-eżekuzzjoni forzata ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ li tkun saret res judicata, li tkun ingħatat fil-kontumacia tal-konsumatur, hija marbuta, jekk ikollha l-elementi kollha ta' dritt u ta' fatt neċessarji għal din il-għan, tevalwa ex officio n-natura inġusta tal-klawżola ta' arbitraġġ li tinsab f'kuntratt konkluż bejn kummerċjant u konsumatur sa fejn, skont ir-regoli tal-proċedura nazzjonali, hija tkun tista' teffettwa dan l-istħarriġ fil-kuntest ta' rikorsi simili ta' natura nazzjonali. Jekk dan